



*IL-PARLAMENT EWROPEW*

*2009 - 2014*

*Dokument ta' sessjoni*

5.12.2012

B7-0540/2012

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B7-0368/2012

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-industrija tal-azzar tal-UE  
(2012/2833(RSP))

**Fiona Hall**

f'isem il-grupp ALDE

**Giles Chichester**

f'isem il-grupp ECR

**Reinhard Bütkofer**

f'isem il-grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-industrija tal-azzar tal-UE  
(2012/2833(RSP))**

*il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentalni tal-Ḥaddiema,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-industrija tal-azzar u r-ristrutturazzjoni, it-trasferiment u l-għeluq ta' kumpaniji fl-UE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ż-żamma ta' setturi tal-azzar sostenibbli u kompetittivi huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;
- B. billi l-industrija Ewropea tal-azzar f'ħafna Stati Membri qed iġġarrab tnaqqis sostanzjali fid-domanda globali, f'xi każijiet sfidi relatati mal-kompetittività, u żieda fl-ispejjeż;
- C. billi l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol x'jaqdu fil-koordinazzjoni ta' politiki biex jiżguraw li industrija tal-azzar sostenibbli u kompetittiva tkun tista' tadatta għal kundizzjonijiet tas-swieq Ewropej u mhux Ewropej li qed jinbidlu;
- D. billi l-istimi attwali jissuġġerixxu li 360 000 impjieg jiddepPENDU mill-industrija tal-azzar tal-UE, iżda dan in-numru jinsab taħt pressjoni sinifikanti u wieħed ma jistax jeskludi aktar telf ta' impjieg;
- E. billi l-industrija tal-azzar hija affettwata minn żviluppi f'setturi oħrajn bħall-fużjoni bejn Glencore u Xstrata;
- F. billi l-kriżi attwali, bħal dawk preċedenti, qed toħloq sfidi soċjali enormi għall-ħaddiema, il-familji u r-reġjuni affettwati;
1. Jenfasizza l-importanza tal-industrija tal-azzar għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-industriji downstream kollha li jużaw il-prodotti tagħha, kif juri r-rwol importanti li għandha l-produzzjoni tal-azzar fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;
  2. Jinnota d-diffikultajiet li qed jiffacċċja s-settur tal-azzar f'ħafna Stati Membri, li xi wħud minnhom huma kkawżati minn żidiet kbar fil-prezz tal-materja prima, tnaqqis fid-domanda globali u żidiet fl-ispejjeż marbuta mal-enerġija;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex iwettqu monitoraġġ tal-isfidi li qed jiffacċċja s-settur tal-azzar u, fejn xieraq, biex jikkunsidraw dan it-tħassib fl-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni rilevanti;

4. Jenfasizza l-ħtieġa għal politika industrijali tal-UE kkoordinata aħjar li tista' tkun immirata sabiex tipprevjeni aktar rilokazzjoni tal-impjanti u tal-produzzjoni tal-azzar barra l-UE, u f'dan ir-rigward jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni Ewropew għas-settur tal-azzar sal-2013;
5. Jenfasizza l-ħtieġa, meta sseħħ ir-ristrutturazzjoni neċċesarja, għal kundizzjonijiet indaqs fis-settur tal-azzar mal-Unjoni kollha;
6. Jinnota r-rwol li jista' jaqdi l-użu potenzjali tal-istruimenti finanzjarji tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew u, fuq perjodu ta' żmien qasir, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;
7. Jirrikoxxi r-rwol importanti li jistgħu jaqdu l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE fl-iżgħur tal-kompetitività tas-settur tal-azzar Ewropew;
8. Jinnota li, filwaqt li l-produzzjoni tal-azzar tammonta għal madwar 5 % tal-emissjonijiet globali ta' CO<sub>2</sub>, sa mill-1975 it-titħib fl-effiċċenza enerġetika wassal għal tnaqqis ta' madwar 50 % fl-enerġija meħtieġa biex tipproduċi tunnellata ta' azzar mhux raffinat fħafna mill-pajjiżi ewlenin li jiproduċu l-azzar;
9. Jikkunsidra li l-effiċċenza enerġetika u l-effiċċenza tar-riżorsi jistgħu jiġi generaw iffrankar tal-ispejjeż sostanzjali, u jħeġġeġ lis-settur biex ikompli jisfrutta l-opportunitajiet disponibbli;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja r-riċerka li qed issir fl-UE dwar produzzjoni tal-azzar b'CO<sub>2</sub> baxx ħafna (Ultra-low CO<sub>2</sub> steelmaking (ULCOS)), u jinnota l-identifikazzjoni promettenti ta' soluzzjonijiet rivoluzzjonarji tas-CO<sub>2</sub>;
11. Jinnota l-importanza aktar wiesgħa għall-Ewropa li tkompli tattira investiment dirett barrani billi taħdem biex tikseb ambjent kummerċjali kompetitiv u biex tnaqqas l-ostakoli għall-investiment;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.